MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 418/2005

**Trinatours Limited**

**vs**

**Tourist Resources Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija u wiehed u tmenin Lira Maltin u disghin centezmu (LM1,881.90,0), ammont rapprezentanti prezz ta' diversi biljetti ta' l-ajru u servizzi ohra ta' akkomodazzjoni lilhom mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-mandat ta' sekwestru numru 1544/2005 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-22 ta' Novembru tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------